**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret it-tliet mija u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Erbgħa 16 ta' Jannar 2013 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Gaetano Cuschieri | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D. | Kunsillier |

Is-Sinjura Carmen Borg u s-Sur Cedric Valletta kitbu lill-Kunsill fejn talbu li jiġu skużati mill-laqgħa minħabba mpenji oħra filwaqt li l-Viċi Sindku talab li jiġi skużat minħabba safar. Il-Kunsill iddeċieda li r-raġunijiet kienu ġustifikati u għalhekk ġew skużati mill-laqgħa.

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-minuti

Il-minuti tat-tliet mija u dsatax-il laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-minuti

*4.1 Kanuni*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għada ser jiġi ffirmat il-ftehim mal-Kurja biex jitpoġġew il-kanuni fuq iz-zuntier tal-Knisja tas-Samra. Sadanitant il-Kunsill qed jistenna li jingħata data meta jkun disponibbli l-Onor. Dr. Mario De Marco biex xi darba il-Ħadd issir ċerimonja tat-tqegħid tagħhom u bibita ta' l-okkażżjoni.

*4.2 Skema Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar*

Il-Kunsill ser jibbenifika €1,800 mill-iskema ta' Restawr ta' Postijiet Storiċi Żgħar. Il-fondi ser jingħataw biex jiġu restawrati niċċa fi Triq id-Duluri kantuniera ma' Sqaq id-Duluri, niċċa fi Triq il-Fatati u niċċa oħra fi Triq Maitland kantuniera ma' Triq il-Ferrovija.

## 5. <u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn it-18 ta' Diċembru 2012 u s-16 ta' Jannar 2013.

*5.1 Reġjun Nofsinhar – Pagamenti tal-LTD dovuti lir-Reġjun Nofsinhar*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati mill-Assoċċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali li l-flus tal-kontravenzzjonijiet li tħallsu fid-Dipartiment tal-Liċenzji wara Lulju 2012 ġew depożitati fil-kontijiet bankarji tal-Kunsilli Lokali personali minflok f'dawk tar-Reġjun Nofsinhar. Għaldaqstant il-Kunsill Lokali Ħamrun għandu jirrifondi l-ammont ta' €13,701.30 lir-Reġjun Nofsinhar. Dokumentazzjoni relatata kienet provduta mal-ittra oriġinali. Il-Kunsill approva li jsir il-ħlas dovut.

*5.2 Residenti – Bring-In Site fi Triq Ġużè' Maria Camilleri*

Il-Kunsill irċieva ittra ffirmata minn xi residenti li joqgħodu fil-viċinanzi tal-*Bring-In Site* fi Triq Ġużè' Maria Camilleri. Dawn talbu biex dawn jitneħħew minħabba raġunijiet ta' ħmieġ u periklu. Dr.P. Mifsud Bonnici nfurmat lill-Kunsill li rċeviet ritratt ta' mbarazz li kien depożitat ħdejn il-Bring-In Site. Il-Kunsill iddeċieda li din il-Bring-In Site titneħħa minn dan il-post u minflok titpoġġa fi Triq Roger Debattista viċin Triq il-Liċew fejn m'hemmx residenti.

*5.3 Knight Music – Reklami fuq Barriers*

Il-Kunsill irċieva talba mill-Knight Music Shop biex ipoġġu reklami tal-ħanut fuq *barrier* fi Triq il-Ferrovija kantuniera ma' Triq il-Kbira San Ġużepp u tnejn oħra fil-kantuniera ta' Triq Ġużè' Pace ma' Triq Barth. Ġie deċiż li jiġu spezzjonati s-siti proposti u f'każ li m'hemmx barriers nitolbuh ikellem lill-Active Enterprises.

*5.4 Sinjura Angele Giuliano – Neighbourhood watch*

Il-Kunsill irċieva ittra mis-Sinjura Giuliano fejn issuġġerit li l-Kunsill jintroduċi *Neighbourhood watch*. Is-Sur G. Cuschieri spjega li kien qed jaħdem fuq din il-proposta iżda biex din tkun suċċess jeħtieġ il-kollaborazzjoni tar-residenti.

5.5 *Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allegati Abbużi fil-lokalitajiet fuq id-Dawl tat-Toroq*

Il-Kunsilli Lokali ġew infurmati li l-Korporazzjoni Enemalta ser jieħdu miżuri biex jinqata' l-abbuż li jitwaħħlu dawl fit-toroq mas-sistema tal-Enemalta mingħajr awtorizazzjoni ta' l-istess korporazzjoni.

5.6 *Sinjura Maronia Bonello – Reduced Hours*

Il-Kunsill irċieva ittra mill-iskrivana s-Sinjura Maronia Bonello fejn tablet sabiex tibda taħdem bir-*reduced hours* mill-4 ta' Frar 2013. Hija tablet li taħdem 30 siegħa fil-ġimgħa bejn it-8.30am u s-2.30pm. Il-Kunsill approva din it-talba bil-kundizzjoni li jiġu osservati r-regolamenti kollha stabbiliti fl-P.S.M.C u l-*Family Friendly Measure Manual* maħruġ mill-*Public Administrative Human Resource Section.*

5.7 *Soċjeta Mużikali San Ġużepp - BBQ*

Il-Kunsill irċieva applikazzjoni mis-Soċjeta Mużikali San Ġużepp biex jorganizza BBQ fi Triq il-Kbira San Ġużepp bejn is-Sibt 3 ta' Awwissu 2013. Huma talbu li din il-parti ta' Triq il-Kbira San Ġużeopp tingħalaq għat-traffiku mill-10.00am tas-Sibt sas-1.00am tal-Ħadd 4 ta' Awwissu 2013. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob laqgħa ma' uffiċċjali tal-Għaqda biex jiġu spjegati d-diffikultajiet u spejjeż involuti biex tingħalaq din it-triq.

5.8 *Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni – Avviż fuq il-fuljett tal-Festa*

Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk xtaqx jagħmel riklam fuq il-fuljett tal-Festa tal-Għaqda Mużikali Immakulata Kunċizzjoni. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel riklam bħas-sena l-oħra għall-ħlas ta' €25.00.

5.9 *Dipartiment għall-Gvern Lokali – Allokazzjoni Finanzjarja Jannar – April 2013*

Il-Kunsill ġie nfurmat li l-allokazzjoni finanzjarja għall-ewwel erba' xhur tas-sena 2013 kienet dik ta' €199,243.00.

5.10 *Sur John Camilleri – Kaxxa safra faċċata tal-garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra flimkien ma' ritratti mingħand is-Sur Camilleri fejn talab sabiex issir kaxxa safra faċċata tal-garaxx tiegħu fi Triq Eldorado peress li meta jipparkjaw vetturi, ma jkunx jista' jdaħħal jew joħroġ il-vettura mill-garaxx. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-*Transport Malta*.

5.11 *Phoenix Sports Club – Avviż fil-fuljett tal-Kunsill*

Il-Kunsilli irċieva talba mill-Phoenix Sports Club biex jitpoġġa avviż fil-fuljett tal-Kunsill dwar l-attivitajiet sportivi li jorganizza l-Club. Huma kienu lesti jipparteċipaw f'attivitajiet tal-Kunsill bit-timijiet tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

*5.12 Sur Tanio Scerri – Aċċess għall-garaxx*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sur Scerri fejn informa lill-Kunsill li kien ser jerġa' jiftaħ il-garaxx li għandu fi Triq il-Kunċizzjoni bħala tapezzar. Huwa talab sabiex isiru arranġamenti meħtieġa biex ikollu aċċess għall-istess garaxx. Il-Kunsill iddeċieda li jinforma lis-Sur Scerri li malli jkun ser jerġa jiftaħ il-garaxx għall-użu, l-Kunsill ser jieħu ħsieb biex isiru marki tal-karreġjata neċessarji biex ikollu aċċess għall-garaxx.

*5.13 Sur Anthony Farrugia – Build-out fil-bankina*

Is-Sur Farrugia bgħat ritratti ta' *build-outs* li saru f'kantunieri quddiem garaxxijiet f'lokalitajiet oħra f'Malta. Huwa talab sabiex issir xi ħaġa simili quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq Sant'Antnin minħabba li vetturi qed jipparkjaw fuq il-*Motorcycle Bay* biswit l-istess garaxx bil-konsegwenza li jostakolaw l-aċċess għall-garaxx tiegħu. Ġie deċiż li qabel tiġi kunsidrata din it-talba, l-Kunsill ineħħi l-*Motorcycle Bay* u jestendi d-*Double Yellow Lines* tal-kantuniera.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur G. Cuschieri kellhom laqgħa mal-Ministru Jason Azzopardi rigward il-problemi li qed isibu n-negozji fil-Ħamrun. Ġie deċiż li l-Ministru jitlob laqgħa ma' uffiċċjali ta' Trasport Malta dwar il-*parking bays* li tneħħew minn Triq il-Kbira San Ġużepp.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Sur G. Cuschieri kellhom laqgħa ma' uffiċċjali tal-Malta Football Association rigward it-talba tagħhom biex jitħallew numru ta' *parking bays* viċin il-grawnd biex jintużaw mill-uffiċċjali tal-logħob. Ġie miftihem li qabel il-Kunsill jikkunsidra din it-talba għandha tiġi solvuta l-problema tal-parkeġġ tal-viżitaturi.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellem lis-Segretarju tal-Bord ta' l-Appell biex il-Kunsill jingħata risposta dwar kif għandu jipproċedi fir-rigward l-Appell tal-Perit William Lewis. Is-Segretrju spjega li kien qed jistenna direzzjoni mill-Bord tal-Appell f'dan ir-rigward.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiem tal-IPSL li kien assenjat mal-Kunsill Lokali Santa Venera m'għadux jaħdem hemm. Ġie deċiż li ssir talba biex din il-persuna tiġi taħdem mal-Kunsill Lokali Ħamrun peress li l-ħaddiem assenjat fil-preżent ser jirtira bl-eta' f'Settembru li ġej.

- Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel mill-ġdid il-bankini li jinsabu mkissra u fi stat perikoluż fi Triq il-Liċew, Triq Mile End faċċata tal-entratura tal-grawnd u Triq il-Ferrovija.

7. **Laqgħa tal-Lokalita'**

Il-Kunsill iddeċieda li tissejjaħ laqgħa tal-Lokalita' fil-jum tat-Tnejn basta mhux it-Tnejn 18 ta' Frar 2013. Ġie deċiż li din tibda fil-5.00pm.

8. **Budget Annwali – Sena Finanzjarja Jannar sa Diċembru 2013**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-*Budget* propost għas-sena 2013. (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-istess Budget.

Ġie deċiż li l-*Budget* jiġi diskuss f'aktar dettal waqt il-laqgħa tal-Lokalita' u jitressaq għall-approvazzjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

9. **Ħruġ ta' Offerti – 'Road Patching Works'**

Il-Kuntratt ta' '*Road Patching Works'* skada fit-2 ta' Jannar 2013.

Il-Kunsill iddeċieda unanimament li tinħareġ offerta ġdida u li l-kuntratt preżenti jiġġedded sakemm jiġi ffirmat kuntratt ġdid.

10. **Schedule of Payments**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sas-16 ta' Jannar 2013 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

11. **Aġġornament**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.30pm.

____________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

____________________
DATA